PLURIBUS PARENS

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63/8

L-Erbgha 22 ta` Dicembru 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

063.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

063.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 61/8 [1/12/2021];

063.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

063.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

063.5 Rapporti;

063.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

063.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

063.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filghaxija (5:40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 063.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsilliera M Micallef talbet biex tigi skuzata.

## 063.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 61/8 [1/12/2021]);

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 61/8 nem con.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

063.2.1 Saret referenza ghall-mghaqqad tal-ilma li qed jkun hemm fid-dahla ta` Gnien il-Qari. Il-Kunsill gie nfurmat li ghamel talba lid-Dipartiment tal-Infrasttrutura sabiex jintervjenu f`din il-materja. Il-Kunsill qed jistenna risposta minn naha taghhom.

063.2.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li bollards fi Triq San Ciru kienu twahhlu. Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk jisghtux jinqaghlu l-bollards habba l-armar tal-festa. Il-Vici-Sindku qal biex nziedu bollard ohra f`din iz-zona.

063.2.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghal problema li hemm fit-telgha tas-salib minhabba li qed jghaddu vetturi kbar u qed ikun ta` periklu ghal minn joghqod hemm u min ikun ghaddej. Il-Kunsill qabel li jsiru bollards jew lqugh iehor biex jitnaqqas dan l-inkonvenjent. Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex isir tabella biex vetturi kbar ma jghaddux minn dik il-parti, liema tabella tigi mwahhla fil-bidu ta` Triq il-Kbira. Is-Sindku qalet li ghandha ssir ukoll stop sign fi Triq il-Kbira.

063.2.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ser imexxi habba c-cctv ta` Triq il-Kbira, hekk kif ir-resident ma sabx ogezzjoni li jsir ix-xoghol mehtieg biswiet ir-residenza tieghu.

Il-Vici-Sindku JM Calleja qal li matul dawn il-jiem kien hemm persuna b`xi bowser li ghadha wrong way aktar minn darba sabiex il-Kunsill jiccekja mill-kameras tieghu.

063.2.5 Saret referenza ghall-bye law tal-parkegg, fejn Sindku nfurmat lil dawk prezenti li din il-bye law ser tkuin qed tigi regolata skond Kap 363 ghalhekk il-fees ser ikunu skond il-ligi u mhux fuq dak li jiproponi l-Kunsill.

063.2.6 Saret referenza ghall-double yellow line fi Triq F.Castagna, l-parti dejqa, fejn l-Kunsill qabel li double yellow line jsir fuq naha wahda biss ta` triq.

063.2.7 Saret referenza ghall-attivita tal-Ghid, fejn is-Sindku qalet li tkellmet mall-Arcipriet u l-Kunsillier S Caruana fejn qed jahsbu li l-attivita ser titella` f`Hadd il-Palm jew matul dik il-gimgha.

063.2.8 Saret referenza ghall-attivita tal-Christmas Fun Run, fejn il-Kunsillier MA Sammut qal li ghall-ewwel darba, kien hemm participazzjoni tajba hafna madwar mitt persuna minn adulti sa tfal.

Il-Kunsill ha hsieb ghall-ispejjez relatati mas-servizz ta` ufficjali tal-LESA u xiri ta` medalji. Is-Sur Sammut zied jghid li mill-flus li ngabru, parti minnhom inghataw lill-Alive Foundation. Is-Sur Sammut kompla billi qal li kienet attivita biex wiehed jiehu gost u mhux biex jikompetti u li avvenimenti ohra bhal dawn ghandhom isiru kull sena. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jaghmel attivita ohra bhal din fix-xhur li gejjin meta temp ikun ahjar. Is-Sindku ghalqet billi rringrazzjat lis-Sur Warren Muscat f`isem Agones F.C. ghal din l-attivita.

Fis-6 pm il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

063.2.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li default notice lis-Sur Bezzina kienet nharget u ntbghatet fejn sar tnaqqis ta` 30% mill-pagament ghax-xahar ta` Ottubru. Il-Vici Sindku qal li mhux sewwa li l-Kunsill irid icempel lill-kuntrattur sabiex isir ix-xoghol, meta dan ghandu skeda li jrid jimxi maghha kull gimgha. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg default notice ohra ghax-xhur ta` Novembru u Dicembru.

063.2.10 B`referenz ghall-PA/0283/12, is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li laqgha li jmiss ser isir fit-3 ta` Frar 2022 u li perit jinsab infurmat.

063.2.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghol fir-rampa ta` quddiem il-kazin tal-Labour kien sar.

063.2.12 Dwar il-progett ta` fejn il-Palazz ta` Bettina, l-Kunsill qed jistenna li l-perit japplika mall-entitajiet ikkoncernati fosthom il-PA u Lands Authority.

063.2.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita tal-Milied, fejn qalet li l-attendenza kienet wahda tajba u kienet ta` success. L-attivita saret bil-mizuri kollha mehtiega.

063.2.14 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti tal-pavimentar quddiem il-Kappella ta` Loretu kien ghalqet u l-Kunsill qed jistenna mill-Ministeru tal-Infrastruttura meta dan ix-xoghol ser jinbeda.

**063.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

063.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien inhareg il-permess minn TM sabiex isir road hump fi Triq Dun Pietru Farrugia.

063.3.2 Giet prezentata Change Request tal-Mizura 4.3, fejn l-Kunsill qed jitlob ghall estenzjoni ta` zmien u kif ukoll xi tibdil mill-applikazzjoni ta` xi punti li ma gew milqugha. Din giet approvata minn dawk prezenti. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien bghat ir-rapport finali sabiex jinghataw lill-Kunsill l-ahhar ammont ta` flus li fadalu jiehu u dan sabiex il-Kunsill ikun jista` jghaddi dawn il-flus lill-IM. Il-Vici Sindku talab u propona l li qabel mall-Kunsill jghaddi dawn il-pagamenti ghandu jara li l-hitan tas-sejjieh li jinsabu mwaqqa` kawza tax-xoghlijiet li saru jigu rrangati qabel ma jithallsu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

063.2.3 Is-Sindku qalet li xoghlijiet fil-pedestrian crossing f`Dawret il-Gudja huma ghaddejin.

063.2.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand resident fi Triq Santa Katerina minhabba l-problema li xi karozzi qeghdin jipparkjaw fin-nofs u l-access ghat-triq jinghalaq. Il-Kunsill qabel li ssir tabella temporanja sabiex it-triq ma tigi ostakolata.

063.2.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ibbenifika mill-fondi relatati mall-izvilupp u titjiet tal-playingfields fil-lokalitajiet. Fil-gimghat li gejjin il-Kunsill ser ikun qieghed jahdem sabiex dan ix-xoghol isir fil-bandli ta` Gnien R.Caruana.

063.2.6 Giet prezentata korrispondenza li waslet minghand resident li ghandu propjeta fi Triq il-Kbira, dwar skart li qed jithalla quddiem ir-residenza taghha li ghadha qed tigi rrangatha. Il-Kunsill qabel li tintbghat ittra lir-residenzi kollha ta` din it-triq sabiex kull tip ta` skart jithalla wara l-bieb tar-residenza tieghu.

063.2.7 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill igib il-kwotazzjonijiet sabiex isiru xoghlijiet mehtiega fi Sqaq il-Logga u Sqaq Burglat.

063.2.8 Is-Sindku qrat ir-rapport li gie mhejji mill-Contracts Manager dwar is-servizzi li nghatat matul l-ahhar xahar. Dan ir-rapport gie ccirkulat lill-Kunsilliera qabel il-laqgha tal-Kunsill.

**063.4 Twegibiet ghall-Mistoqijsiet tal-Kunsilliera;**

063.4.1 Il-Kunsillier MA Sammut ghamel refereza ghal xi drenagg li hiereg quddiem residenza fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ser jinforma lill-kuntrattur responsabbli mix-xoghlijiet f`din it-triq.

063.4.2 Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex il-Kunsill japplika ma` TM sabiex isir un/loading parking quddiem il-hanut tal-forn fi Triq R.Caruana. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

063.4.3 Il-Vici Sindku JM Calleja propona sabiex il-bins li qeghdin man-naha ta` barra ta` Gnien R.Caruana jinbidlu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

063.4.5 Il-Vici-Sindku JM Calleja propona sabiex is-servizz tal-open skip jizdied b`sibt iehor. Il-Kunsill approva li l-ahhar Sibt tax-xahar jinghata servizz tal-open skip minn Triq B`Bugia.

063.4.6 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex ikun hemm aktar kontroll mill-ufficcjali tal-LESA fi Triq Santa Marija.

063.4.7 Il-Vici Sindku JM Calleja qal kif fil-bins ta` fejn il-Kappella ta` Loretu mhux qeghdin jintuzaw tajjeb, fejn hemm xi whud li qed jarmu xi terrapin u gebel.

063.4.8 Il-Kunsillier MA Sammut qal li hemm talba sabiex isir double yellow line fil-kisra ta` Triq il-Lewz.

**063.5 Rapporti:**

Ma kienx hemm.

**063.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

Giet prezentata kwotazzjoni u ritratt ta` ghajn li ser tigi installata fil-pjazza ta` Triq Santa Katerina. Dawk prezenti qabblu mal-istil ta` ghajn u gie mitlub sabiex jingiebu aktar kwotazzjonijiet u ritratti.

c. Ġnien Raymond Caruana – progress

**063.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta` Pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 32/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €93,064.66 u ġiet approvata nem con.

**063.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u hamsa ta` filghaxija (7.05pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 18 ta` Jannar 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta` Jannar 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv